MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1365/2004

**Elmo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Aldo Demanuele u l-istess Aldo Demanuele**

**Vs**

**Brian Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm258.09c (mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u disa' centezmi) rapprezentanti danni kkagunati in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Santa Venera fid-29 ta' Mejju, 2003 bejn vettura numru DBG 091 misjuqa mill-konvenut u vettura numru EBF 517 proprjeta' ta' l-attur Aldo Demanuele u misjuqa minnu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm258.09c (mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u disa' centezmi), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------